MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 150/2013

**GO plc**

**Vs**

**Malta Directories Limited**
**C 25186**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Marzu, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€650.24) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40045884 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghat inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Is-socjeta' konvenuta debitament notifikata naqset li tidher u lanqas ipprezentat risposta.

Ghalhekk fid-dawl ta’ dan in-nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta it-Tribunal jidhirlu xieraq illi t-talba attrici hija wahda gustifikata u ghalhekk it-Tribunal jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma sitt mija u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€650.24) bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------